**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' l-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**

**Il-Pulizija**
**--vs--**
**Mohammed Khair Waqaa,**
**Farhan Najm**

**Illum, 27 ta' Frar 2024**

**Il-Qorti:**

Rat li Mohammed Khair Waqaa, ta' 31 sena, b'ġenituri mhux magħrufa, imwieled Syria nhar is-17 ta' April 1991, residenti 125, New Haven, Flat 3, Triq in-Nissieġ, Żabbar, u detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 131815A, u Farhan Najm, ta' 38 sena, b'ġenituri mhux magħrufa, imwieled Syria nhar l-1 ta' April 1991, residenti 19, Rio Grande, Flat 3, Triq San Ġorġ, Paola, u detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 74380A:

1. Fuq talba ta’ l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol qed tiġu akkużati talli fil-kapaċità tagħkom personali u/jew bħala persuna li tħaddmu nhar il-31 ta’ Ottubru 2020 matul il-ġurnata u/jew fil-ġimgħat u/jew fix-xhur ta’ qabel f’Shalom, Triq il-Qartas, Swieqi, inqastu milli tħarsu is-saħħa u sigurtà tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi nqastu milli tieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta’ artikoli 6(1)(2) ta’ Att 27/2000 Kap 424.

2. Akkużati ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkustanzi nqastu li tagħmlu, jew li tiżguraw li ssir evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attività tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, inkluż dawk li jżuru l-post tax-xogħol liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża u dan ai termini tal-artikolu 10(1) ta’ A.L. 36/03 (S.L. 424.18).

3. Akkużati wkoll talli fl-istess data, lok u ċirkustanzi inqastu li qabel ma tqabdu jew toffru xi xogħol lill xi żagħżugħ tagħmlu stima tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li setgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw u li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attività tax-xogħol u dan ai termini ta' l-artikolu 3(1)(2) ta’ A.L. 91 ta’ l-2000 (S.L. 424.10).

4. Akkużati ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi bħala persuni li tħaddmu inqastu li taraw li x-xogħol fl-għoli jkun ippjanat sew u tieħdu miżuri xierqa u suffiċjenti sabiex tipprevjenu waqgħat minn distanzi li jistgħu jikkawżaw dannu personali. Nqastu li taraw li

xogħol fil-għoli jitwettaq biss b'tagħmir xieraq jew li jintużaw mezzi kollettivi ta' protezzjoni bħal bennieni, pjattaformi jew xbieki ta' sigurtà. Fejn bennieni huma użati dawn għandhom ikunu solidi, għoljin biżżejjed u jkollhom almenu zokklu, poġġaman prinċipali u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Nqastu li taraw li lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandu jiġu mwaħħla madwar garigori, turġien, xaftijiet, gallariji, it-truf, fetħiet u f'xi oqsma oħra kollha fejn kull persuna tista' taqa' distanza li tista' tikkawża ħsara personali jew li jaqgħu ġewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvu riskji mill-għarqa jew korriment serju. Inqastu li taraw li lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandhom ikunu ta' kostruzzjoni tajba, materjal tajjeb u sod, ta' għoli adegwat, u ta' saħħa adegwata għall-iskop li huma użati u dan ai termini ta' Art. 5.1, 5.2, 5.3, 5.4, 5.5 (Skeda IV Sezz. II Parti B) ta' A.L. 88/2018.

5. Akkużati ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi bħala persuni li tħaddmu nqastu milli tiżguraw li kull tagħmir protettiv personali jkun iħares id-dispożizzjonijiet speċifikata fi Skeda 2 ta' l-Ordni u tiżguraw li fejn hemm il-preżenza ta' aktar minn riskju wieħed teħtieġ li ħaddiem jilbes fl-istess ħin aktar minn oġġett wieħed ta' tagħmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kumpatibbli u li jibqa jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti. Nqastu wkoll li tistabbilixxu l-kundizzjonijiet ta' użu ta' tagħmir protettiv personali, b'mod partikolari għal kemm ħin għandu jintlibes, skond il-bażi tas-serjetà tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost għar-riskju, il-karatteristiċi tal-post tax-xogħol ta' kull ħaddiem u l-operazzjoni tat-tagħmir protettiv personali u tiżguraw wkoll li jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu li tagħmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna waħda tieħdu l-miżuri kollha xierqa sabiex tiżguraw li dan l-użu ma joħloq ebda problema ta' saħħa jew iġene għal utenti differenti. Nqastu li tiżguraw li dan it-tagħmir jingħata mingħajr ebda ħlas minn min iħaddem u tiżguraw li dan it-tagħmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni iġenika tajba permezz

tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta’ biċċiet meħtieġa. Nqastu milli taraw li qabel ħaddiem juża tagħmir protettiv personali tavżawħ dwar ir-riskji li t-tagħmir ikun qed iħarsu kontrihom. Nqastu wkoll li tiżguraw li jiġi kkonsultat ir-Rappreżentant tas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ħaddiema u dan ai termini ta' l-artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 10(1)(2), 11 u 17 ta’ l-A.L. 121/03 (S.L. 424.21)

6. Akkużati wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuni li tħaddmu inqastu milli tavżaw lill-Jobsplus dwar l-impjieg ta' persuni u dan ai termini tal-artikolu 36 tal-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta’ Malta.

7. Akkużati wkoll talli fl-istess ċirkostanzi, bħala prinċipali l-impjegajtu xi persuna li ma kinitx ċittadina ta' Malta u lanqas kellha permess waħdieni u l-liċenzja ta' impjieg, ai termini tal-artiklu 43 tal-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt is-seduta tas-6 ta’ Ġunju 2023, wara li nqraw l-akkużi, l-imputati wieġbu mhux ħatja;

Semgħat ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali, minn fejn jirriżulta li waqt is-seduta tas-16 ta’ Ġunju 2023 l-prosekuzzjoni iddikjarat li kienet għalqet il-provi. Sussegwentement waqt is-seduta tal-15 ta’ Diċembru 2023 id-difiża ddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq;

Semgħet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi in sostenn tal-akkużi miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Elvin Magri bħala Health & Safety practitioner ma' JP Health & Safety** jgħid li bħala kwalifika huwa għandu IGC International General Certificate li huwa International recognised bħala Health 7 Safety. Jgħid li qabel kien jaħdem fl-offshore Industry pero' ilu għal dawn l-aħħar 7 snin huwa ħadem fil-Construction Industry lokali. Huwa kien jagħmel spezzjonijiet ġewwa 30, Shalom, Triq il-Qratas, Swieqi u jiftakar illi kien seħħ inċident hemmhekk. Jgħid li ix-xogħol tagħhom jikkonsisti li jmorru onsite, jassessjaw hazards li jkun hemm onsite, jinfurmaw il-ħaddiema onsite, iwaqqfu x-xogħol meta jkun il-każ biex isiru r-ratifikazzjonijiet li jkun hemm bzonn, jieħu ritratti waqt li jkun qiegħed hemmhekk, ikellem lil-ħaddiema, jagħtihom l-istruzzjonijiet fejn ikun hemm bzonn, u mbagħad wara jikkompalja rapport li jigi mibgħut lil kuntratturi, jew lil-klijent skond min ikun.

   Fil-31 t' Ottubru meta seħħ l-inċident huwa ma kienx mar fuq il-post. Kien mar Joseph Borg. L-aħħar visit tiegħu qabel dik id-data kienet fis-27 t' Ottubru, 4 ijiem, 3 ijiem qabel, kien it-Tlieta u l-inċident gara ifl-31 li kien is-Sibt.

   Fis-27 t' Ottubru onsite kien hemm xi ħaddiema qed jgħaddu xi elettriku biss, minor works li kienu għaddejjin ġol-kmamar ta' ġewwa. Hu nformahom illi x-xogħol kien wieqaf, biex ma jaċċessawx l-areas esposti minn naħa ta' barra u dwar dan infurmaw lil-klijent li kien onsite. Jgħid li kien hemm xi fall from heights hazards li ridu jiġu rectified, u jikkonferma li ma kienx hemm kuntratturi fil-bini jagħmlu xogħlijiet oħrajn dik il-gurnata partikolari. Fil-granet ta' qabel kien hemm il-kuntrattur tal-bini imma dan kien ilu ftit li kompla x-xogħlijiet, allura ma kienx qed ikun hemm ħaddiema minn tiegħu fuq is-site.

2. **Fr Anton D' Amato Direttur tal-Migrant Commission tal-Arcidjocesi ta' Malta** xehed li huwa ġie mħarrek dwar ċertu Abdurahman Ramadan Hreth Refuġee Commission Number 26050/19 tal-International Protection Agency. Xehed li huma jkollhom dik l-informazzjoni dwar klijenti li jiġu għandhom biex ituhom xi servizz, imma ma jkollhomx informazzjoni tal-immigranti kollha.

3. **Louis Buhagiar xehed bħala Senior Executive mal-Agenzija Jobsplus** fejn ipprezenta Jobsplus employment history tas-Sur Mohammad Khair Waqaa detentur tal-karta tal-identita bin-numru 131815A. Huwa ipprezenta ukoll il-Jobsplus Employment History tas-Sur Farhan Najm detentur tal-karta tal-identità bin-numru 74380A

   Huwa xehed li kien ġie mitlub ukoll biex jippreżenta l-Employment History ta' Abdurahman Ramadan Hreth, biss rigward din il-persuna Jobsplus m' għandha l-ebda record, għaldaqstant ma seta jippreżenta xejn.

   Huwa ġie mitlub jippreżenta lista ta' persuni li kienu jaħdmu ma l-imputati, u ddikjara li l-imputat Waqaa Mohammed Khair fid-data tal-31 t' Ottubru 2019 ma kellha ebda impjegati, jiġifieri kien self employed.

   Rigward Farhan Najm jgħid li ma kellux impjegati fid-data tal-31 ta' Ottubru 2019.

   Huwa jgħid li persuna li taħdem trid tapplika ghal permess tax-xogħol u jirreġistra x-xogħol tiegħu mal-Jobsplus kull darba li jibda jaħdem.

   In kontroezami dwar Farhan jgħid li huwa spicca impjieg fl-2012, u mill-2012 'l hawn qatt ma rreġistra ebda impjieg mal-Jobsplus. Jikkonferma li l-imputat Waqaa ilu self employed mill-20 t' Awwissu 2019 fil-Construction sallum il-gurnata

F’ każ illi tkun a one off job jiġifieri biċċa xogħol ta’ darba xorta jkun irid jirreġistra dak il-job, avolja jkun perjodu qasir

4. **Joseph Borg xehed in rappreżentanza ta’ JP Health & Safety**. Jgħid li l-involviment tiegħu fil-binja fi Triq il-Qratas ġewwa s-Swieqi kien ta’ Health & Safety Project Supervisor, u kien ġie mqabbad minn Christian Vella. Huwa kellu jieħu ħsieb is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol.

   Muri r-rapporti f’Dok JC 9 sa JC12 huwa jgħid li fis-27 October 2020 ħarġu stop work order lil kuntrattur li huwa l-Electrician li kien onsite minħabba li kien hemm periklu ta’ waqat mill-għoli. Mistoqsi x’kien jismu, jgħid li l-Electrician kien jigi u jmur u kellu nies differenti. Huwa ikkonferma li għamel diversi visits u dwar kull visit għamel rapport. Jgħid li l-inspection mhux hu jkun għamilha imma ċertu Elvin, li kien kollega tiegħu. Dan kien jmur l-ufficju, jaraw x’ hemm ħażin u x’ m’ hemmx ħażin, iċemplu lil klijent, jinfurmawh li għandu stop order, u jmexxuha.

   In kontroeżami jgħid li l-Plastering u l-Painting Contractor kien ghadu ma ġiex ingaġġat meta huma għamlu l-visits. Jgħid li huwa kien talab id-dettalji tal-kuntrattur li kien ha jagħmel il-Plastering u l-Painting, biex huwa jkun jista’ jinkludih fir-rapport u jiltaqa’ miegħu on site, qabel jibda x-xogħol, biss dan ma seħħx.

   Mistoqsi dwar kif daħal fix-xena l-Electrician, huwa jgħid li meta toħroġ stop order, huma jikkomunikaw ma’ kull kuntrattur li jkun on site, u f’ dak il-każ l-electrician u il-klijent kienu onsite. Mistoqsi jekk ir-rapport, ir-rapport sarx esklussivament vis a vis l-electrician, jgħid li ir-rapport isir ghal kulħadd. Jigifieri li kieku kellu details tal-Kuntrattur tal-Plastering u l-Painting huwa kien jinkludih. Fit-27 ta’ Ottubru 2020 ma kellu ebda informazzjoni dwar il-Plastering u Painting Contractor. Fir-rapporti il-Plastering mhux inkluz.

Ix-xhud iżid li huma jmmorru on site jaraw jekk hemmx perikli ta' waqat mill-għoli, u jikkomunikawhom ma' kullhadd.

5. **Leeroy Balzan Engerer** xehed li dak iż-żmien kien Spettur tal-Pulizija sa Mejju 2022. Mill-atti tal-proċess huwa għaraf ir-rapport li kien ħejja rigward dan l-incident lil Magistrat tal-Ghassa dakinhar Dr Charmaine Galea, u għaraf il-firma tiegħu fuq ir-rapport. Jgħid li fil-31 t' Ottubru 2020 infurmawh ghal xi l-ħdax u għoxrin ta' wara nofsinhar li xi ħadd waqa, f' sit ta' kostruzzjoni ġewwa Triq il-Qratas Swieqi. Kien avża lis-surġent 1320 biex jaċċessa fuq is-sit fejn kien hemm il-vittma, u skond kif qalulu dan ma kienx identifikat. Huwa kellu xi demm ħiereġ minn rasu, u ssejħet l-assistenza medika. Kien ġie nfurmat f'xi s-sagħtejn ta' wara nofsinhar li l-vittma, Abdurahman Ramadan Hreth bin-numru tar-refcom 26050/19 u Police Number 19G/062 kien fil-periklu li jitlef ħajtu. Huwa avża lil-Maġistrat tal-Għassa, li ħatret l-esperti fosthom Dr Mario Scerri. Avża ukoll lil tal-OHSA u kien mar ċertu Joe Cremona fuq is-sit. Minn hemmhekk huwa avża lil-Maġistrat li minn naħa tagħha ħatret xi esperti

6. **Abdurahman Ramadan Hreth** xehed li xi sentejn ilu huwa kien qed jaħdem mal-kuġin tiegħu, l-imputat Farhan Najm li huwa għaraf fl-Awla, ġewwa Swieqi, biex jiġbor il-plastic u huwa tilef il-kontroll u waqa'. Huwa jgħid imbagħad li kien qed jiksi skont ma kien qabbdu jagħmel Farhan, l-kuġin tiegħu. Kien ħadu fuq il-post Farhan, u kien l-istess Farhan li ħallsu dwar ix-xogħol ta' kisi. Fuq il-post kienu xi erba' minn nies Farhan, wiehed jismu Muhedi, wieħed jismu Mahmud u hu. Ix-xhud jgħid li llum huwa għandu 19 il-sena. Mistoqsi u indikat lilu speċifikatament l-Imputat Waqaa fl-Awla, huwa jgħid li ma raħx fuq il-post.

In kontroeżami mistoqsi dwar il-plastic x'kellu x' jaqsam mat-tikħil, jgħid li kien hemm persuna kien niezel fuq il-ħabel, u dak il-persuna taħ il-plastic u f' dak il-mument waqa. Jgħid li mar fuq is-sitt 6 ġranet

ma Farhan, hamest ijiem qabel l-incident, u s-sitt jum meta sar l-inċident.

7. **Christian Vella** xehed kemm waqt l-inkjesta kif ukoll ġie mgħajjat bħala xhud waqt il-proċeduri kontra l-imputati fejn hemmhekk huwa xehed bil ġurament.

   Waqt il proċeduri quddiem din il-Qorti huwa xehed li l-propjetà 30, Shalom, Qratas Street, Ibragg, Swieqi kienet tiegħu, u kellu jsir żvilupp fejn ittellgħu tlett sulari fuq il-post li kellu, ċioe fejn kien joqgħod qabel.

   Huwa ma ftakarx il-gurnata eżatta imma ftakar li kien Ottubru 2020. Dwar l-inċident jgħid li kien l-għalqa dakinhar u ċemplulu li waqa' xi ħadd. Huwa mar fuq il-post u sab lill xi ħadd li ma kienx jaf x'jismu mal-art. Imbagħad giet l-ambulanza u ħaduh. Imbagħad tela fuq jittawlu mid-dehra milli seta' jifhem, hu kien qiegħed fl-ewwel sular, kien hemm bieb tal-aluminju u ghal xi raguni dan fetaħ il-bieb tal-aluminju, ħareġ fil-gallarija u waqa'.

   Dwar ix-xogħlijiet huwa jgħid li kien inkariga lill-imputat Farhan li huwa għaraf fl-Awla biex ikaħħallu l-appoġġi. Fl-atti tal-inkjesta kien żied li sa fejn jaf hu Farhan ma kienx qabbad subkuntratturi, u hu dejjem kellu x'jaqsam ma Farhan. Dwar kif kellu jinħadem ix-xogħol, ix-xhud jgħid li għamillu kollox hu, cioe kien qabbad Inġinier, li iċċertifikalu l-ħbula, it-tavlun, il-harness, kollox kif suppost u dan qabel l-inċident, inkluż ir-risk assessment. Hu jgħid li dwar safety kellu kollox kif suppost.

   Hu kien qabbad lill ċertu Joseph tal-JP Health and Safety, li kien jigi fuq il-post, ġieli jagħtih xi rapporti u jekk ikun hemm xi ħaġa bl-aħmar, dejjem jirranġawha. Huwa ġieli ġibed l-attenzjoni lill-ħaddiema, il-bennej biex jagħmel l-ilqugħ. Huwa ma ftakarx jekk lill-Imputat Farhan kienx qatt qallu jew irrimarkalu xi suġġeriment fuq ir-rapporti. Waqt li kien qed isir ix-xogħol, huwa kien imur hemmhekk

għax huwa kellu l-post, kien joqgħod hemmhekk ġo l-ewwel sular, u kien jara lil Farhan. Lill imputat l-ieħor qatt ma raħ u qatt ma ltaqa miegħu. Il-persuna li weġġgħet dakinhar tal-inċident biss raħ hemmhekk.

In kontroezami jikkonferma li dakinhar tal-inċident huwa ħareġ kmieni u mar fuq is-sit wara l-inċident biss. Lill-imputat Farhan dak inhar ma raħx fuq il-post. Jgħid li l-mara kienet rat lil Farhan u l-lavranti tiegħu filgħodu ġejjin fuq il-post. Jikkonferma li l-Inġineer kien iċċertifikalu l-ħbula etc, u l-persuna l-oħra dan Joseph ta' JP Health and Safety kien jiġi jagħmel l-ispezzjonijiet u jibgħatlu r-rapporti. Ir-rapporti kien jgħaddihom lilu u mhux lill-Farhan. Huwa ma ftakarx meta kien l-aħħar rapport qabel l-inċident.

8. **Joseph Cremona bħala Spettur fi ħdan l-Awtorita għas-Saħħa u Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol** xehed li fil-31 t' Ottubru tas-sena 2020 għal ħabta ta' xi l-kwarta ta' wara nofsinhar ġie nfurmat mill-Pulizija tal-Għassa ta' San Ġiljan illi ġol-post 30, Shalom, Triq il-Qratas, is-Swieqi kien ghadu kemm seħħ inċident fejn ħaddiem kien waqa' mill-għoli u kien qiegħed fil-periklu tal-mewt u li kienet ser tinfetaħ Inkjesta minħabba dan l-aċċident. Huwa mar immedjatament fuq il-post u kif wasal osserva l-binja li kellha ftuħ mill-gallariji li jindikaw waqat mill-għoli. Huwa ppreżenta ritratt tal-faċċata (Dok JC1).

Fuq il-post kien hemm il-Pulizija u ċertu Christian Vella detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 335686. Irriżultalu li dan tal-aħħar kien is-sid tal-proprjeta' fejn kien qed isir ix-xogħol. F' nofs ta' triq kien hemm xugaman imċappas bid-demm. Huwa ppreżenta żewġ ritratti tat-triq dejqa u roqgħa demm fejn il-persuna qed jingħad illi waqa' (Dok JC 2 u JC 3)

Xehed li fuq il-post kien hemm notifika tal-Awtorita' bin-numru 62B.01 ta' 2020 imwaħħla li tindika li Christian Vella, l-persuna li

kien sab hemmhekk kienet is-sid, u li tispjega li kellu jsir bini ta' 3 appartamenti fuq bini eżistenti u xogħlijiet oħra konnessi ma' kostruzzjoni. Huwa esebixxa kopja tan-notifika. Fuq il-post kellem lis-Sur Christian Vella li qallu li qabbad kuntrattur ċertu wieħed Farhan, u taħ il-mobajl tiegħu. Huwa fuq il-post ma ra lil ħadd ħlief lil Pulizija u lil Christian Vella. Minn spezzjoni li għamel fuq il-post ra diversi ftuħ ta' gallarijiet oħrajn, li dwarhom esebixxa r-ritratti (Dok JC 5). Huwa ħareġ stop order lil klijent Christian Vella dak il-ħin fuq il-post (Dok JC 6).

F' waħda mill-kmamar fuq is-sit kien hemm harness (Dok JC 7). Huwa sar jaf mingħand il-Pulizija illi l-vittma kien ċertu Abdurahman Ramadan Hreth li kien fil-periklu tal-mewt.

Huwa kellem lil Christian Vella li rega' kkonferma li kien qabbad lil Farham Najm biex jagħmel xogħol ta' tibjid mal-appoġġi li wieħed mill-appoġġi jidher f' wieħed mir-ritratti esebiti (Dok JC 5 it-tieni ritratt), fejn kien qed isir ix-xogħol, u fejn ma kienx hemm xi forma ta' lqugħ, xejn.

Fuq investigazzjoni li għamel, eżattament mir-rapport tal-Pulizija, issemma certu Mohammed Khair Waqaa, għaldaqstant huwa ħareġ l-istop order lis-Sur Mohammed Khair Waqaa li ġiet esebita (Dok JC 8). Fl-4 ta' Novembru kien sar aċċess mill-Perit Mario Cassar imqabbad mill-Qorti fl-inkjesta ġewwa l-għassa ta' San Ġiljan fil-preżenza tax-xhud u kien ġie mitkellem Khair Waqqa u Najm Farhan li kienu assistiti minn Dr Camilleri, u li x-xhud għaraf fl-Awla, huma għajr għad-dettalji tagħhom, kienu għażlu li ma jwieġbux għad-domandi li kienu saru. Dakinhar tkellmu ukoll ma Christian Vella. Lill-imputat Waqaa qatt ma kellimtu aktar.

Christian Vella kien ikkonferma li qabbad lill-Farhan u kkonferma li l-ftehim u n-negozjati tiegħu, għalkemm verbali, kien dejjem ma' Farhan. Rigward il-vittma fir-rapport kien ġie indikat li dan kien that

l-eta’, kellu 16 -il sena dak iż-żmien.  Il-vittma peress li kien l-ITU u kien żmien fejn Malta kienet affettwata mil-Pandemija tal-Covid, ma setgħax jiġi nitkellem. Huwa l-vittma qatt ma kellimha il-għaliex meta ħareġ mill-iSptar peress li kellha titkompla l-inkjesta, u l-investigazzjoni kellha ssir fl-inkjesta. Biss il-vittma sussegwentement ma setgħetx tinstab.

Kien ukoll ikkorrisponda mal-JP Health and Consultants, ma ċertu Joseph Borg.

In kontroeżami jikkonferma li fuq is-sit huwa ra l-ħajt freshly painted, l-appoġġ li huwa indika f’Dok JC 5, miżbuh bl-abjad illi qed jindika dak l-appoġġ hemmhekk.

Mistoqsi għalfejn ġaladarba s-sid Christian Vella dejjem indika lill-Farhan bħala kuntrattur, għalfejn l-istop order ħarġet fuq l-imputat Mohammed Waqaa, ix-xhud jgħid li fuq ir-rapport tal-Pulizija kien hemm indikat is-Sur Waqaa. Huwa ma ra lil ħadd fuq il-post, iżda ra lill imputati dak inhar tal-aċċess msejjaħ mil-Perit Mario Cassar l-Għassa ta’ San Ġiljan. Huwa jsostni li fir-rapport tal-Pulizija hemm indikat Mohammed Khair Waqaa bil-karta tal-identità 131815A bħala l-persuna li huwa l-kuntrattur.  Għaldaqstant fuq dik l-informazzjoni huwa kien ħareġ l-istop order li ntbagħtet bil-posta fl-indirizz 125 New Heaven, Flat 3, Triq in-Nissieg, Haz-Zabbar. Din ntbagħtet fit-2 ta’ Novembru 2020. Huwa jikkonferma li qatt ma ra lill-imputati fuq is-sit.

Fuq mistoqsija jekk huwa meta mar fuq il-post barra l-harness rax xi għodda in konnessjoni mat-tibjid li setgħu juru li kien hemm xi ħadd qed jaħdem it-tibjid, huwa jgħid li kull ma ra kienet landa żebgħa fl-ewwel sular li ma jafx ta’ min kienet. Imbagħad jgħid li kien hemm landa żebgħa oħra li qed tiġi mgħottija b’ kaxxa tal-għodda. Dwar dan ix-xhud ippreżenta dokument ieħor li ġie mmarkat bħala JC 14 konsistenti f’ 2 ritratti.

9. **Il-Proces-Verbal** tal-inkjesta bin-numru 44/20 intitolata *'Rapport dwar inċident li seħħ nhar il-31 ta' Ottubru 2020 ġewwa sit ta' kostruzzjoni fil-fond Shalom, Triq il-Qratas, is-Swieqi, meta Abdurahman Ranadan Hreth dtentur tan-numru tal-pulizija 19G-062 waqa' minn għoli konsiderevoli.'*

Id-difiża għajr għal kontro eżamijiet tax-xhieda tal-prosekuzzjoni ma ressqitx provi. L-imputati ma xehdux hekk kif kellhom kull dritt li jgħamlulu.

## B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>

### 1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta

Il-prinċipju ġenerali fil-kamp kriminali huwa dak li l-Prosekuzzjoni għandha fuq-spallita l-oneru li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri. Dan il-prinċipju bażiku prattikat mill-Qrati tagħna fil-proċedimenti kriminali, li sabiex l-imputat jiġi ddikjarata ħati, l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni, jista' jingħeleb biss fejn u jekk il-liġi stess tiddetta mod ieħor.

Tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li f'każ ta' reati li joħorġu mill-Avviż Legali 88 tal-2018 li fuqu hija msejsa it-tieni imputazzjoni, kif ukoll rigward it-tielet imputazzjoni li hija msejsa fuq il-Liġi Sussidjarja 424.21, l-imputat huwa mgħobbi bl-oneru tal-prova biex jiskolpa ruħu minn l-akkużi kontrih. Dan m'huwiex il-każ fir-rigward tal-liġi prinċipali cioé l-Kapitolu 424 innifsu.

Fir-Regolamenti tal-2018 dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet minimi ta' Saħħa u Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni), Avviż Legali 88 tal-2018, li abbażi tiegħu l-imputat ġie akkużat bit-tieni imputazzjoni, speċifikament

fir-Regolament 15, il-leġislatur ried ipoġġi l-oneru tal-prova fuq l-ispalla tal-akkużat:

> *"15. F'kull proċediment għal xi reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa, jew li ssir xi ħaġa sa' fejn huwa raġonevolement prattikabbli, ikun imiss lill-akkużat iġib prova, skont il-każ, li ma kienx prattikabbi jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar biex jitwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli aħjar minn dak fil-fatt użat biex jiġi mwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit."*

Bl-istess mod ir-regolament 18 tar-Regolamenti Dwar Rekwiżiti Minimi Għall-Użu Ta' Tagħmir Protettiv Personali Fuq Ix-Xogħol (Leġislazzjoni Sussidjarja 424.21) jistabbilixxi fuq min jaqa' l-oneru tal-prova:

> *"18. F'kull proċediment għal reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa sa fejn huwa prattikabbli jew sa fejn huwa raġonevolement prattikabbli, jew li jintużaw l-aħjar mezzi prattikabbli, l-akkużat ikollu jġib prova skond il-każ li ma kienx prattikabbi jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar għall-ħarsien tad-dmir jew tar-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli aħjar milli fil-fatt kien intuża biex jiġi sodisfatt dmir jew rekwiżit."*

Imbagħad fejn il-prova tispetta lill-Prosekuzzjoni wieħed irid iħares lejn il-livell ta' prova mistennija fil-kamp kriminali. Huwa għaldaqstant mistenni li l-Qorti tkun konvinta li akkużi dedotti kontra l-akkużat jirriżultaw ippruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal**-Qorti tal-Appell Kriminali tas-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid però li mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda

dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Mhux kull dubju għandu jitqies bħala dubji dettat mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**2. L-Imputazzjonijiet**

Għal fini tal-ewwel imputazzjoni li hija bbażata fuq il-Leġislazzjoni Primarja jiġifieri l-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti trid tapplika d-definizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 2. Hemmhekk wieħed isib id-definizzjoni ta' 'ħaddiem' u 'min iħaddem' fost oħrajn:

> *" "ħaddiem" tfisser kull persuna impjegata minn min iħaddem biex tagħmel xogħol, jew li tipprovdi servizz lil persuna oħra taħt kuntratt ta' servizz jew għal servizz, u tinkludi student, apprendist u persuna li timpjega lilha nnifisha, iżda ma tinkludix l-ekwipaġġ ta' bastiment reġistrat Malta jew kull persuna oħra impjegata fuqu bħala parti mill-ekwipaġġ kollu tal-bastiment"*
>
> *" "min iħaddem" tfisser il-persuna li għaliha jsir xogħol jew jiġi mogħti servizz minn ħaddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xogħol ma' ħaddiem, u tinkludi kuntrattur jew subkuntrattur li*

*jagħmel xogħol jew jagħti servizz jew jintrabat biex jagħmel xi xogħol jew jagħti xi servizzi, u*

*(a) għal dak li jirrigwarda xogħol magħmul taħt kuntratt ta' servizz, tfisser il-kuntrattur jew is-subkuntrattur, iżda ma tinkludix id-diretturi, managers, soċji jew sidien, okkupanti jew possessuri li għalihom ikun qed isir ix-xogħol, minbarra fil-każ fejn għodod, materjal jew tagħmir ikun provdut minnhom, dwar xi difetti li dan l-apparat jista' jkollu, liema difetti jkunu magħrufa u ma ġewx indikati, jew li setgħu ikunu magħrufa;*

*(b) għal dak li jirrigwarda l-organizzazzjonijiet l-oħra kollha, inklużi dawk volontarji, jew għal dak li jirrigwarda xi forma oħra ta' impieg taħt kuntratt ta'servizz, tinkludi kull waħda mill-persuni li tidderieġi fuq kullħadd jew li tieħu ħsieb it-treġija ta' kuljum;"*

Il-Qorti ikkunsidrat dak li jgħid il-paragrafu (a) ta' din id-definizzjoni li fil-każ fejn ikun tqabbad kuntrattur, is-sid ikun speċifikament eskluż mid-definizzjoni ta' min iħaddem. Din l-esklużjoni ma tapplikax fil-każ li s-sid ikun forna xi għodod, tagħmir jew materjal għal difetti magħrufa jew prevedibbli li jistaw jiżviluppaw f'tali għodod, tagħmir jew materjal.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll dak li jgħid l-artikolu 6 tal-Kap 424:

*"6.(1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*

*Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att."*

Skont il-proviso ċitat meta min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, dan xorta waħda jibqa' responsabbli taħt l-obbligi li joħorġu mill-Kap 424 u Regolamenti magħmula taħtu.

Din il-Qorti ikkunsidrat li l-esklużjoni fil-paragrafu (a) tad-definizzjoni ta' 'min iħaddem' u l-proviso tal-artikolu 6(1) għandhom jinqraw flimkien. Fil-fehma ta' din il-Qorti fejn il-proviso jagħmel referenza għal fatt li 'min iħaddem' meta jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra ma' jkunx eżenti mir-responsabbiltà għal nuqqasijiet taħt dan l-Att, jew Regolamenti magħmula taħtu, moqri fid-dawl tad-definizzjoni ta' 'min iħaddem', ir-responsabbiltà ta' dik il-persuna li tkun qabbdet jew għamlet użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra tkun tissussisti biss fil-każ li dik il-persuna tkun forniet għodod, materjal jew tagħmir li rriżultaw difettużi, u dan id-difett kien magħruf minn dik il-persuna li tkun qabbdet jew għamlet użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra u ma ġiex indikat lilhom, jew seta' jkun magħruf.

Il-persuna li tkun tqabbdet b'dak li jingħad hawn fuq tibqa responsabbli f-kull eventwalita. Dejjem tibqa l-fakolta tal-Qorti li tikkunsidra l-fatti u provi kollha tal-każ.

Issa fuq dan il-każ tressqu Mohammed Khair Waqaa, detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 131815A, u Farhan Najm detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 74380A. Din il-Qorti sejra qabel xejn tara x'inhija l-konnessjoni ta' dawn iż-żewġ imputati mas-sit in kwistjoni.

Fit-trattazzjoni tiegħu l-uffiċjal prosekutur jallega li s-sid kien qabbad lill-imputat Najm Farhan biex jgħamillu xi xogħolijiet u dan sussegwentement qabbad lil-Mohammed Khair Waqaa bħala subcontractor biex jagħmel ix-xogħlijiet.

Mil-process verbal esebit fl-atti jirriżulta li l-Maġistrat Inkwerenti kienet qalet u rrakkomandat *"Illi skont ir-rapport ippreżentat mill-Ispettur*

*Leeroy Balzan Engerer il-kuntrattur kien ċertu Mohammed Khaur Waqaa (K.I. Numru 131815A). Illi skond dan relatat fir-rapport tal-espert tekniku il-perit Mario cassar, il-kuntrattur kien ċertu Najm Farhan. Ma in-nies fir-rapport ta' l-inċident ġie indikat li l-kuntrattur jismu Mohammed Khair Waqaa bi-Karta tal-Identita' Numru 131815A). Għal dan il-għan il-maġistrat inkwerenti tissolleċita lill-uffiċjal investigattiv sabiex jiċċara dawn id-diskrepanzi sabiex jiġi stabbilit l-isem eżatt tal-kuntrattur."*

Fir-rapport tal-Pulizija esebit mal imsemmi process verbal hemm indikat li *"Christian stated that he don't know his details, he only knows that the contractor is certain Farhan Mob number 79804229"* u aktar l-isfel li *"The contractor who provided works to the victim is certain Mohammed Khair Waqaa ID 131815A Mob 99078552."* Minn dan hemm indikazzjoni b'saħħita li Farhan u Mohammed Khair Waqaa huma żewġ persuni separate u dan peress li għandhom numru tal-mobajl differenti.

Mir-relazzjoni tal-Perit Tekniku AIC Mario Cassar esebita mal-process verbal bħala Dok MC jidher li l-espert ikkonstata li "*għal dawn ix-xogħlijiet sid l-iżvilupp Christian Vella inkariga lil ċertu Farhan li rriżulta li jismu Qoran Mohammed Khair Waqaa K.I. MT0331252."* Din il-Qorti ikkunsidrat dak li jgħid il-Perit Tekniku Mario Cassar, ċioe *"rriżulta li jismu"*. Il-Qorti m'għandiex informazzjoni kif seħħet din ir-riżultanza, u wisq tibża li l-Imputat Mohammed Khair Waqaa ID 131815A iddaħħal fix-xena bi żball. Jingħad ukoll li għalkemm Qoran Mohammed Khair Waqaa jiġi identifikat mil-espert tekniku bl-indikazzjoni *"K.I. MT0331252"* din il-Qorti tqis li dan in numru m'huwiex numru ta' karta tal-identità Maltija iżda numru ta' referenza x'aktarx ta' file tar-Refugee Commissioner jew xi dokument maħruġ minnu.

L-abbli avukat difensur jargumenta li l-imputati ma jaqgħux taħt id-definizjoni ta' min iħaddem. Din il-Qorti ma taqbilx ma din it-teżi. Bil kontra hija tqis li dan huwa każ ta' persuna jew persuni li qed iħaddmu ħaddiem jew ħaddiema miegħu jew magħhom. Mix-xhieda produċibbli, l-Qorti tinnota li l-vittma Abdurahman Ramadan Hreth xehed li fi żmien

l-inċident huwa kien qed jaħdem mal-kuġin tiegħu, l-imputat Farhan Najm li huwa għaraf fl-Awla, ġewwa Swieqi. Jgħid li huwa kien jiksi skont ma kien qabbdu jagħmel Farhan. Kien Farhan stess li kien jieħdu fuq il-post tax-xogħol u kien Farhan li ħallsu dwar ix-xogħol ta' kisi. Din il-Qorti tqis li l-fatt li l-imputat Najm Farħan kien jagħti struzzjonijiet lil-ħaddiem Abdurahman Ramadan Hreth, jieħdu fuq il-lant tax-xogħol fejn hu kien ikun irid li x-xogħol isir u saħansitra iħallas lil Abdurahman Ramadan Hreth, joħloq dik ir-relazzjoni li l-leġislatur jiddefinixxi bħala relazzjoni ta' min iħaddem u ħaddiem.

Issa għalkemm Abdurahman Ramadan Hreth jgħid li fuq il-post kienu xi erba' minn nies, ċioe Farhan, wiehed jismu Muhedi, wieħed jismu Mahmud u hu, Waqaa ma jissemmiex. Fil-fatt mistoqsi u indikat lilu speċifikatament l-Imputat Waqaa fl-Awla, huwa jgħid li qatt ma raħ fuq il-post:

*"Pros :Dawn in-nies li qed issemmi qeghdin hawnhekk ?*
*Xhud : Iva*
*Pros : Tista' tghid lil Qorti min kienu ?*
*Xhud : Jien qed nara Farhan hawn fil-Qorti*
*Pros : Lil xi hadd iehor li kien hemmhekk ?*
*Xhud : Le*
*Pros : Ok tajjeb. Issa tiftakar kif gara l-incident ?*
*Xhud : Waqt illi jien nigbor dak il-plastic f' daqqa wahda ma nafx x' gara u waqajt*
*Pros : Kemm ghandek zmien inti ?*
*Xhud : 19*
*Pros : 19 illum ghandek 19*
*Xhud : Iva llum il-gurnata ghandi 19*
*Pros : is-Sinjur li hemm bilqeghda hdejn is-Sur Najm Farhan inti dan qatt rajtu ?*
*Xhud : Le ma rajtux jien"*

Imbagħad Joseph Cremona, Spettur fi ħdan l-Awtorita għas-Saħħa u Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol xehed li huwa kien kellem lis-Sur Christian Vella fuq il-post dak inhar tal-inċident fejn dan qallu li hu kien is-sid tal post u kien qabbad bħala kuntrattur lill-ċertu wieħed Farhan, u taħ il-mobajl tiegħu. Is-sid jikkonferma ukoll bil-ġurament li huwa kien qabbad lill ċertu wieħed Farhan. Mistoqsi għalfejn ġaladarba s-sid Christian Vella dejjem indika lill-Farhan bħala kuntrattur, għalfejn l-istop order ħarġet fuq l-imputat Mohammed Waqaa, ix-xhud jgħid li fuq ir-rapport tal-Pulizija kien hemm indikat is-Sur Waqaa. Huwa ma ra lil ħadd fuq il-post, iżda ra lill imputati dak inhar tal-aċċess msejjaħ mil-Perit Mario Cassar l-Għassa ta' San Ġiljan. Huwa jsostni li fir-rapport tal-Pulizija hemm indikat Mohammed Khair Waqaa bil-karta tal-identità 131815A bħala l-persuna li huwa l-kuntrattur.  Għaldaqstant fuq dik l-informazzjoni huwa kien ħareġ l-istop order li ntbagħtet bil-posta fl-indirizz 125 New Heaven, Flat 3, Triq in-Nissieg, Ħaz-Żabbar. Din ntbagħtet fit-2 ta' Novembru 2020. Huwa jikkonferma li qatt ma ra lill-imputati fuq is-sit.

Is-sid tal-post Christian Vella jikkonferma li huwa kien imur fuq is-sit waqt li kien qed isir ix-xogħol, għax huwa kien joqgħod hemmhekk ġo l-ewwel sular, u kien jara lil Farhan Najm, biss lill-imputat l-ieħor Mohammed Khair Waqaa qatt ma raħ u qatt ma ltaqa miegħu.

Għaldaqstant filwaqt li **din il-Qorti li m'għandiex dubbju li l-imputat Farhan Najm kien il-kuntrattur mqabbad mis-sid**, u l-persuna li kienet qed tħaddem minn tal-anqas lill Abdurahman Ramadan Hreth, min issa fid-dawl tad-**dubbji serji dwar l-involviment ta' l-imputat Mohammed Khair Waqaa, mhix se tkun qed issib lill-imsemmi imputat ħati tal-akkużi miġjuba fil konfront tiegħu.**

Din il-Qorti sejra tanalizża l-provi biex tistabilixxi jekk għandiex tinstab ħtija fl-imputat l-ieħor Farhan Najm.

**L-Ewwel Imputazzjoni:** *"1. Fuq talba ta' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol qed tiġu akkużati talli fil-kapaċità tagħkom personali u/jew bħala persuna li tħaddmu nhar il-31 ta' Ottubru 2020 matul il-ġurnata u/jew fil-ġimgħat u/jew fix-xhur ta' qabel f'Shalom, Triq il-Qartas, Swieqi, inqastu milli tħarsu is-saħħa u sigurtà tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi nqastu milli tieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' artikoli 6(1)(2) ta' Att 27/2000 Kap 424."*

F'din l-imputazzjoni, l-imputat Farhan Najm, flimkien mal-imputat l-ieħor Mohammed Khair Waqaa li dwaru din il-Qorti diġa ddikjarat li mhix se tkun qed issib ħtija, qed jiġu akkużati **(i) fil kapaċita tagħhom personali, u/jew (ii) bħala persuna li tħaddmu,** fir-rigward ta' nuqqas ta' tħaris tas-saħħa u sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir. Il-prosekuzzjoni, peress li hekk tiddetta l-liġi, tkompli billi tiddeskrivi f'hiex jikkonsisti tali nuqqas, jiġifieri n-nuqqas milli tieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol. Din l-imputazzjoni hi msejsa fuq il-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti diġa stabbiliet li l-imputat Farhan kien kuntrattur u ġie stabbilit ukoll li kien qiegħed iħaddem fost oħrajn lill vittma ta' dan l-inċident. Huwa bħala persuna li jħaddem kellu jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol.

L-artikolu 6(2) tal-Kapitolu 424 li fuqu hija bbażata din l-akkuża jidentifika dawk il-miżuri ta' prevenzjoni li persuna li tħaddem għandu jieħu.

> *"(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri –*
> *(a) li jiġi evitat riskju;*
> *(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*

*(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
*(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
*(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;*
*(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*
*(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*
*(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*
*(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol."*

Ta' mportanza partikolari għal dan il-kaz huwa dak li jgħidu l-paragrafi (a) sa (e) u li jitkellmu fuq ir-riskji u perikli assoċjati max-xogħol. Jirriżulta mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol Joseph Cremona mill-ispezzjoni li għamel fil-31 t' Ottubru tas-sena 2020 ftit wara l-kwarta ta' wara nofsinhar ġol-post 30, Shalom, Triq il-Qratas, is-Swieqi li kif wasal fuq is-sit mill-ewwel osserva li l-binja li kellha ftuħ mill-gallariji li jindikaw waqat mill-għoli. F'dan is-sit kien ghadu kemm seħħ inċident li fih ħaddiem Abdurahman Ramadan Hreth kien waqa' mill-għoli u kien qiegħed fil-periklu tal-mewt. Huwa ppreżenta ritratt tal-faċċata (Dok JC1). Waqt l-ispezzjoni li għamel fuq il-post Joseph Cremoina ra diversi ftuħ ta' gallarijiet oħrajn, li dwarhom esebixxa r-ritratti (Dok JC 5) u fil fatt huwa ħareġ stop order li biha ordna li jieqfu x-xogħolijiet.

Huwa kellem lis-sid Christian Vella li rega' kkonferma li kien qabbad lil Farham Najm biex jagħmel xogħol ta' tibjid mal-appoġġi li wieħed mill-appoġġi jidher f' wieħed mir-ritratti esebiti (Dok JC 5 it-tieni ritratt), fejn kien qed isir ix-xogħol, u fejn ma kienx hemm xi forma ta' lqugħ, xejn.

Joseph Cremona seta jikkonstata ukoll fuq is-sit li l-ħajt tal-appoġġ kien freshly painted bl-abjad hekk kif ukoll jidher mir-ritratt f'Dok JC 5. Fil fatt il-Qorti setgħet tikkonstata mir-ritratti meħuda mil-Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol Joseph Cremona u esebiti fl-atti diversi nuqqasijiet.

L-istess Uffiċjal kien ukoll ikkorrisponda mal-JP Health and Consultants, ma ċertu Joseph Borg. Dan Joseph Borg ta' JP Health & Safety fix-xhieda tiegħu jgħid li l-involviment tiegħu fil-binja fi Triq il-Qratas ġewwa s-Swieqi kien ta' Health & Safety Project Supervisor, u kien ġie mqabbad minn Christian Vella. Huwa kellu jieħu ħsieb is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. Huwa kien mar diversi drabi fuq is-sit u kien flimkien mal-kollega tiegħu Elvin Magri, li xehed f'dawn il-proċeduri ikkompila xi rapporti (Dok JC 9 sa JC12) u saħansitra ħarġu stop work order lil kuntrattur li kien hemm fuq is-sit dak iż-żmien, ċioe l-electrician, u dan minħabba li kien hemm periklu ta' waqat mill-għoli. Din il-Qorti għaldaqstant hija moralment konvinta li r-riskji u l-perikoli kienu jeżistu kemm qabel, kif ukoll wara l-inċident, u ma ttieħdux dawk il-miżuri neċessarji biex jirriduċu r-riskji u perikoli biex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt.

**Il-Qorti għar-raġunijiet kif imfissra tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat sal-grad rikjest mil-liġi din l-imputazzjoni u se ssib lill-imputat Farhan Najm ħati dwarha.**

**It-tieni imputazzjoni:** **"***2. Akkużati ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkustanzi nqastu li tagħmlu, jew li tiżguraw li ssir evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu*

*jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attività tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, inkluż dawk li jżuru l-post tax-xogħol liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża u dan ai termini tal-artikolu 10(1) ta' A.L. 36/03 (S.L. 424.18).”*

Din il-Qorti tqis li l-provi li l-aktar li huma relevanti għal din l-akkuża fiċ-ċirkostanzi huma dak li jgħidu l-Health and Safety Supervisors ta' JP Health and Safety Joseph Borg u Elvin Magri kif ukoll Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol Joseph Cremona. Biss qabel tanalizza dak li jgħidu dawn ix-xhieda, sejra tqis dak li jgħid sid il-post Christian Vella.

Is-sid tal-post Christian Vella isostni li dwar Health and Safety kien għamillu kollox hu. Kien qabbad Inġinier qabel l-inċident li iċċertifikalu l-ħbula, it-tavlun, u l-harness. Jgħid li kollox kien kif suppost u dan anke fir-rigward tar-risk assessment. Jikkonferma li kien qabbad ukoll lill ċertu Joseph tal-JP Health and Safety, li kien imur fuq il-post, ġieli jagħtih xi rapporti u jekk ikun hemm xi ħaġa bl-aħmar, dejjem jirranġawha. Huwa ġieli ġibed l-attenzjoni lill-ħaddiema, il-bennej biex jagħmel l-ilqugħ. Biss huwa ma ftakarx jekk lill-Imputat Farhan kienx qatt qallu jew irrimarkalu xi suġġeriment fuq ir-rapporti. Dan huwa fil fatt kompatibbli ma dak li jixhdu l-Health and Safety Supervisors ta' JP Health and Safety Joseph Borg u Elvin Magri.

Joseph Borg ta' JP Health & Safety li kien inkarigat mis-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol jikkonferma li kien hemm periklu ta' waqat mill-għoli fuq is-sit in kwistjoni. Huma kienu jinfurmaw kemm lil-kuntrattur kif ukoll lis-sid dwar perikli u affarijiet li jkunu jridu jitranġaw, jew dwar stop works orders. Jikkonferma li huwa bħala kuntrattru kien ikkomunika mal-electricial xi erbat ijiem qabel l-inċident. Fil fatt hu jgħid

li ma setax jikkomunika mal-kuntrattur tal-plastering, cioe l-imputat peress li hu ma kienx infurmat li dan beda jaħdem. Dwar dan il-Plastering u l-Painting Contractor jgħid li kien ghadu ma ġiex ingaġġat meta huma għamlu l-visits. Jgħid li huwa kien talab id-dettalji tal-kuntrattur li kien ha jagħmel il-Plastering u l-Painting, biex huwa jkun jista' jinkludih fir-rapport u jiltaqa' miegħu on site, qabel jibda x-xogħol, biss dan ma seħħx.

Li kieku Joseph Borg ta' JP Health & Safety kellu dettalji tal-Kuntrattur tal-Plastering u l-Painting huwa kien jinkludih. Fit-27 ta' Ottubru 2020 ma kellu ebda informazzjoni dwar il-Plastering u Painting Contractor. Fir-rapporti il-Plastering mhux inkluz.

L-espert maħtur mill-Maġistrat Inkwerenti, il-Perit Tekniku Mario Cassar fir-relazzjoni tiegħu, dwar Farhan, jindika li *"Hemm kull indikazzjoni/ suspett lli dawn il-ħaddiema mhumiex reġistrati mal-ETC u jagħmlu l-attivitajiet tagħhom ta' xogħlijiet 'under the radar' mingħajr l-ebda kontroll tal-awtoritajiet konċernati."*

Din il-Qorti ma taqbilx mat-teżi tal-abbli Avukat tad-difiża li fit-trattazzjoni orali tiegħu jalludi għal fatt li r-rapporti tal-Health and Safety qiegħdin ezebiti, u għaldaqstant l-imputati qatt ma jistgħu jinstabu ħatja ta' din l-akkuża u dan għas sempliċi raġuni li r-riskji dwar ix-xogħlijiet tal-imputati ma kinux inklużi fir-rapporti tagħhom. Għalkemm kienu saru evalwazzjoni ta' riskji li jinsabu esebiti fl-atti, r-riskji relatati mal attivita tal-imputati ma ġewx identifikati peress li l-project supervisors ma kinux ngħataw id-dettalji tal-kuntratturi li magħhom huma kellhom jiddiskutu sabiex jidentififikaw u jewalwaw ir-riskji. Din il-Qorti tfakkar li r-riskji huma dawk *"li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attività tax-xogħol."*

**Il-Qorti għar-raġunijiet kif imfissra tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat sal-grad rikjest mil-liġi it-tieni imputazzjoni u se ssib lill-imputat Farhan Najm ħati dwarha.**

**It-tielet imputazzjoni: "***3. Akkużati wkoll talli fl-istess data, lok u ċirkustanzi inqastu li qabel ma tqabdu jew toffru xi xogħol lill xi żagħżugħ tagħmlu stima tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li setgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw u li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attività tax-xogħol u dan ai termini ta' l-artikolu 3(1)(2) ta' A.L. 91 ta' l-2000 (S.L. 424.10)."*

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri. Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu pruvati oltre kull dubju raġjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Fl-isfond ta' dak li ngħad fil paragrafu preċedenti kif ukoll aktar il-fuq dwar l-oneru tal-prova, din il-Qorti taqbel ma l-abbli Avukat Difensur meta jgħid li din l-akkuża ma tistax tirriżulta peress li l-prosekuzzjoni naqset milli ġġib l-aħjar prova. Sabiex din il-Qorti issib ħtija dwar din l-akkuża l-prosekuzzjoni kellha tipprova li l-vittma kien żagħżugħ kif definit fil Liġi Sussidjarja 424.10, ċioe *"persuna taħt it-tmintax il-sena u tinkludi minuri u adolexxent."*

**Din il-Qorti għaldaqstant hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova sal-grad rikjest mill-liġi li l-vittma kien żagħżugħ kif titlob il-Liġi u għalhekk ma hijiex ha ssib lill-imputat Farhan Najm ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.**

**Ir-raba' imputazzjoni:** *"4. Akkużati ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi bħala persuni li tħaddmu inqastu li taraw li x-xogħol fl-għoli jkun ippjanat sew u tieħdu miżuri xierqa u suffiċjenti sabiex tipprevjenu waqgħat minn distanzi li jistgħu jikkawżaw dannu personali. Nqastu li taraw li xogħol fil-għoli jitwettaq biss b'tagħmir xieraq jew li jintużaw*

*mezzi kollettivi ta' protezzjoni bħal bennieni, pjattaformi jew xbieki ta' sigurtà. Fejn bennieni huma użati dawn għandhom ikunu solidi, għoljin biżżejjed u jkollhom almenu zokklu, poġġaman prinċipali u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Nqastu li taraw li lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandu jiġu mwaħħla madwar garigori, turġien, xaftijiet, gallariji, it-truf, fetħiet u f'xi oqsma oħra kollha fejn kull persuna tista' taqa' distanza li tista' tikkawża ħsara personali jew li jaqgħu ġewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvu riskji mill-għarqa jew korriment serju. Inqastu li taraw li lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandhom ikunu ta' kostruzzjoni tajba, materjal tajjeb u sod, ta' għoli adegwat, u ta' saħħa adegwata għall-iskop li huma użati u dan ai termini ta' Art. 5.1, 5.2, 5.3, 5.4, 5.5 (Skeda IV Sezz. II Parti B) ta' A.L. 88/2018."*

Wieħed ma jridx jinsa li għal dak li għandu x'jaqsam mal-liġi sussidjarja 424.36 l-oneru tal-prova jinkombi fuq id-difiża.

Il-prosekuzzjoni kif ingħad hawn fuq irnexxielha tipprova li kien hemm nuqqasijiet fuq is-sit konsistenti f'nuqqas ta' lqugħ biex jipprevjeni waqgħat mill-għoli. Dwar dan kien hemm saħansitra erba rapporti ta' JP Health and Safety Supervisors li rapport wara rapport jindikaw nuqqasijiet dwar perikli relatati ma waqgħat mill-għoli, bl-aħħar wieħed erbat ijiem qabel id-data tal-inċident. Jiriżulta ċar mil-provi tal-prosekuzzjoni li l-imputat Farhan Najm bħala persuna li tħaddem kienet ħadet xogħol li kienu qed jagħmlu l-ħaddiema tiegħu f'għoli u li da ma kienx ippjanat sew u li ma ttiħdux il-miżuri xierqa u suffiċjenti biex jipprevjenu waqgħat minn distanzi li jistgħu jikkawżaw dannu personali lill-ħaddiema. Id-difiża dan m'għamlitux.

**Il-Qorti għaldaqstant tqis li din ir-raba imputazzjoni tirriżulta u għalhekk se tkun qed issib lill-imputat Farhan Najm ħati ta' din l-imputazzjoni.**

**Il-ħames imputazzjoni:** "*5. Akkużati ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi bħala persuni li tħaddmu nqastu milli tiżguraw li kull tagħmir protettiv personali jkun iħares id-dispożizzjonijiet speċifikata fi Skeda 2 ta' l-Ordni u tiżguraw li fejn hemm il-preżenza ta' aktar minn riskju wieħed teħtieġ li ħaddiem jilbes fl-istess ħin aktar minn oġġett wieħed ta' tagħmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kumpatibbli u li jibqa jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti. Nqastu wkoll li tistabbilixxu l-kundizzjonijiet ta' użu ta' tagħmir protettiv personali, b'mod partikolari għal kemm ħin għandu jintlibes, skond il-bażi tas-serjetà tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost għar-riskju, il-karatteristiċi tal-post tax-xogħol ta' kull ħaddiem u l-operazzjoni tat-tagħmir protettiv personali u tiżguraw wkoll li jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu li tagħmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna waħda tieħdu l-miżuri kollha xierqa sabiex tiżguraw li dan l-użu ma joħloq ebda problema ta' saħħa jew inġene għal utenti differenti. Nqastu li tiżguraw li dan it-tagħmir jingħata mingħajr ebda ħlas minn min iħaddem u tiżguraw li dan it-tagħmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni iġenika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' biċċiet meħtieġa. Nqastu milli taraw li qabel ħaddiem juża tagħmir protettiv personali tavżawħ dwar ir-riskji li t-tagħmir ikun qed iħarsu kontrihom. Nqastu wkoll li tiżguraw li jiġi kkonsultat ir-Rappreżentant tas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ħaddiema u dan ai termini ta' l-artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 10(1)(2), 11 u 17 ta' l-A.L. 121/03 (S.L. 424.21)*"

Għalkemm skont ix-xhieda ta' Joseph Cremona, f' waħda mill-kmamar fuq is-sit kien hemm harness hekk kif jidher minn Dok JC 7, ma jidhirx li l-ħaddiem li weġġa fuq is-sit tax-xogħol kien liebes harness jew xi lbies protettiv simili.

Illi għall-istess raġunijiet kif imfissra hawn fuq fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, u tat-tielet imputazzjoni, dan fid-dawl ta' dak li jistabbilixxi r-regolament 18 tar-Regolamenti Dwar Rekwiżiti Minimi Għall-Użu Ta' Tagħmir Protettiv Personali Fuq Ix-Xogħol (Leġislazzjoni Sussidjarja 424.21) li jistabbilixxi fuq min jaqa' l-oneru tal-prova ċitat hawn fuq, din

**il-Qorti se tkun qed issib lill-imputat Farhan Najm ħati ta' din il-ħames imputazzjoni.**

**Is-sitt imputazzjoni:** *"6. Akkużati wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuni li tħaddmu inqastu milli tavżaw lill-Jobsplus dwar l-impjieg ta' persuni u dan ai termini tal-artikolu 36 tal-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Dwar din l-imputazzjoni l-provi l-aktar importanti huma dawk ta Louis Buhagiar li xehed f'dawn il-proċeduri bħala Senior Executive mal-Agenzija Jobsplus. Huwa xehed li fil konfront ta' Abdurahman Ramadan Hreth, l-ħaddiem li weġġa l-Aġenzija Jobsplus ma kellha ebda record. Barra minn hekk huwa jikkonferma li l-imputat Farhan Najm li ma kellux impjegati reġistrati li qed jaħdmu miegħu fid-data tal-31 ta' Ottubru 2019.

**Il-Qorti għaldaqstant tqis li din is-sitt imputazzjoni tirriżulta u għalhekk se tkun qed issib lill-imputat Farhan Najm ħati tagħha.**

**Is-sebgħa imputazzjoni:** *"7. Akkużati wkoll talli fl-istess ċirkostanzi, bħala prinċipali l-impjegajtu xi persuna li ma kinitx ċittadina ta' Malta u lanqas kellha permess waħdieni u l-liċenzja ta' impjieg, ai termini tal-artiklu 43 tal-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta."*

**Din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni naqset milli tipproduċi l-prova fil-livell rikjest mil-liġi li l-ħaddiem li weġġa ma kienx ċittadin ta' Malta u għaldaqstant ma hijiex se ssib lill-imputat Farhan Najm ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.**

## C. Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Għall-fini tal-piena l-Qorti ikkunsidrat id-daqs tal-proġett in kwistjoni, kif ukoll il fatt li f'dan l-inċident weġġgħet persuna serjament tant li din kienet fil periklu li titlef ħajjitha, biss fortunatament dan ma seħħx possibilment sforz l-interventi f'waqthom li saru kemm mil-ġar li nzerta tabib li assista lill-ħaddiem li waqa minn għoli konsiderevoli, kif ukoll il-kura li ngħata l-isptar. Dawn kienu kollha ċirkostanzi indipendenti mill-aġir tal-imputat jew imputati, u ma jista jingħata ebda kreditu lilu jew lilhom.

## D. Deċide

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 2, 6(1) u 6(2) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-regolament 10(1) tal-Liġi Sussidjarja 424.18, ir-regolament 3(1) u 3(2) tal-Liġi Sussidjarja 424.10, ir-regolamenti 15, u l-paragrafi 5.1, 5.2, 5.3, 5.4, 5.5 tal-iSkeda IV, Taqsima B, Sezzjoni II tal-Liġi Sussidjarja 424.36, ir-regolamenti 4, 5, 6, 7, 8, 10(1), 10(2), 11 u 17 tal-Liġi Sussidjarja 424.21, u l-artikolu 36 tal-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta ma ssibx lill-imputat Mohammed Khair Waqaa detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 131815A ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u tilliberah minnhom, ma ssibx lill-imputat Farhan Najm detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 74380A ħati tat-tielet u s-seba' imputazzjoni u tilliberah minnhom, iżda issibu ħati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba, il-ħames u s-sitt imputazzjoni u b'assorbiment tal-piena tat-tieni, tar-raba, tal-ħames u tas-sitt imputazzjoni fl-ewwel imputazzjoni skont l-artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundannah għal-piena ta' multa ta' għaxart elef u ħames mitt Ewro (€10,500) (rappreżentanti erbat elef Ewro (€4,000) għal-ewwel imputazzjoni nofs l-ammont ta' erbat elef Ewro (€4,000) għat-tieni imputazzjoni, nofs l-ammont ta' erbat elef Ewro (€4,000) għar-raba' imputazzjoni, nofs l-ammont ta' erbat elef Ewro (€4,000) għal-ħames imputazzjoni, u nofs l-ammont ta' elef Ewro (€1,000) għas-sitt imputazzjoni) li f'każ li ma titħallasx għandha tinbidel fi priġunerija fit-termini tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti, finalment ai termini tal-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna l-ħati Farhan Najm detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 74380A iħallas lir-reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali l-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, u dan fi żmien tlett xhur mil-lum.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**
**Josanne Gauci**

**< Sentenza Finali >**

**--------------------------------TMIEM---------------------------------**